**23 ta' Marzu, 1962**

**Imħallfin:—**

**Is-S.T.O. Prof. Sir Anthony J. Mamo, O.B.E., C.St.J., Q.C., B.A., LL.D., President;**

**Onor. Dr. A.J. Montanaro Gauci, C.B.E., K.M., LL.D.;**

**Onor. Dr. T. Gouder, LL.D.**

Giuseppe Mamo

***versus***

Gerolamo Camilleri

**Lokazzjoni — Spoll — Manutenzjoni — Reintegrazzjoni — Pussess — Loki Komodu — Art. 572 u 571 u 561(1) tal-Kodiċi Ċivili.**

*L-azzjoni tal-inkwilin li jaġixxi kontra l-lokatur tiegħu biex dan jiġi kundannat iqiegħed fil-post fejn kienu xi kumditajiet li hu neħħa mill-fond mikri għand dak l-inkwilin ma hix azzjoni ta' spoll privileġġjat, jekk, anki suppost li jirrikorru r-rekwiżiti l-oħra kollha ta' din l-azzjoni, ikun nieqes ir-rikwiżit taż-żmien.*

*Lanqas ma tista' dik l-azzjoni tkun ta' manutenzjoni fil-pussess kontemplata fl-art. 571 tal-Kodiċi Ċivili; għax din l-azzjoni tikkompeti biss lil min hu possessur fis-sens veru tal-art. 561(1) tal-istess Kodiċi, u mhux ukoll lil sempliċi detentur bħal ma hu l-inkwilin.*

*Jekk l-inkwilin jitlob ir-reintegrazzjoni fl-ewwel lok, imma jżid talba fis-sens illi l-Qorti tordna illi l-kumditajiet imneħħijin jiġu mqegħdha f'xi post ieħor konvenjenti, dan ifisser illi r-reintegrazzjoni hija l-ewwel preferenza, imma jfisser ukoll illi l-attur ikun ħalla fid-diskrezzjoni tal-Qorti li tipprovdi rimedju alternattiv skond iċ-ċirkustanzi; u għalhekk il-Qorti mhix legalment astretta li tordna r-ripristinament tal-affarijiet bla ebda konsiderazzjoni oħra.*

*Hekk, jekk il-lokatur ineħħi l-vaska tal-loki komodu mill-fond mikri lill-inkwilin u jqiegħda x'imkien ieħor, huwa għandu jerġa jqiegħda fejn kienet, jekk hekk jitlob l-inkwilin, u ma jkunx hemm ebda obbjezzjoni mill-Awtorità Sanitarja.*

Il-Qorti:— Rat l-att taċ-ċitazzjoni quddiem il-Prim' Awla tal-Qorti Ċivili tal-Maestà Tagħha r-Reġina, li bih l-attur, premess li l-konvenut jikri lill-attur il-fond 84 St. Catherine Street, Żurrieq, u f'dawn l-aħħar xhur, kontra l-volontà tal-attur, qala' u neħħa mill-istess fond il-vaska tal-water closet u poġġiha fuq il-bejt tad-dar tal-konvenut adjaċenti għal dik tal-attur, u b'hekk naqqas mill-kumditajiet mikrija lill-attur; u premess li l-konvenut, non ostante li ġie nterpellat biex jerġa jagħmel kollox kif kien, naqas li jagħmel dan; premessi d-dikjarazzjonijiet neċessarji u mogħtija l-provvedimenti opportuni, talab li l-konvenut, għar-raġunijiet fuq imsemmija, jiġi kundannat jerġa jqiegħed f'postha l-vaska fuq imsemmija u jagħmel kollox kif kien qabel, jew ipoġġiha f'post ieħor konvenjenti għall-attur kif tiffissa l-Qorti; u f'każ li jonqos li jagħmel dan fiż-żmien lilu prefiss, talab li l-attur jiġi awtorizzat jagħmel dan ix-xogħol huwa a spejjeż tal-konvenut taħt il-provvediment li jgħoġobha tagħti l-Qorti. Bl-ispejjeż;

*Omissis;*

Rat is-sentenza ta' dik il-Qorti tas-6 ta' Novembru 1961 li biha, waqt li asteniet ruħha milli tieħu aktar konjizzjoni tal-eċċezzjoni tal-inkompetenza, li ġiet irtirata, ċaħdet l-ewwel talba tal-attur, bl-ispejjeż kontra tiegħu; laqgħet it-tieni talba tal-attur fis-sens illi ordnat lill-konvenut illi fi żmien tmientax il-ġurnata mis-sentenza, jittrasforma l-post fejn hu l-lum fuq il-bejt il-water closet jew vaska msemmija fiċ-ċitazzjoni, billi jagħmel il-passaġġ imsaqqaf u magħluq mill-ġnub mill-water closet jew vaska għall-bieb mnejn joħroġ l-attur għall-bejt fejn hemm dil-vaska, u li fl-istess żmien il-konvenut jagħmel ukoll taljola minn fuq il-bejt għall-bitħa tal-fond tal-attur, kollox a spejjeż tal-istess konvenut, taħt id-direzzjoni tal-A.I.Ċ. Paul Mercieca; u fin-nuqqas awtorizzat lill-attur jagħmel huwa x-xogħol indikat taħt id-direzzjoni tal-istess perit u a spejjeż tal-konvenut. L-ispejjeż relattivi għat-tieni talba jitħallsu terz mill-attur u żewġ terzi mill-konvenut; u l-ispejjeż tal-perizja jitħallsu erbgħa kwinti mill-attur u kwint mill-konvenut; wara li dik il-Qorti kkunsidrat;

Skond verbal a fol. 51, il-konvenut irrinunzja għall-eċċezzjoni tal-inkompetenza;

Minn April tas-sena 1938 l-attur għandu b'kera minn għand il-konvenut il-fond indikat fiċ-ċitazzjoni għall-abitazzjoni tiegħu. Il-fond, għalkemm hu separat, jagħmel parti minn dar waħda, fejn il-parti l-oħra hi okkupata mill-konvenut. Il-kontendenti għandhom kull wieħed parti mill-bejt, li fil-bidu kien tad-dar kollha. Fil-parti tal-attur kien hemm water closet fuq f'loġġa, u ieħor isfel fil-bitħa. Billi dak ta' isfel kien inixxi, l-attur irrapporta lis-Sanità. L-ispettur sanitarju sab illi l-fossa tad-dar abitata mill-attur, li kienet fil-bitħa jew ġardina, ma kienetx skond ir-regolamenti sanitarji, u allura qal lill-konvenut biex iqiegħed il-water closet fuq il-bejt u jikkommunikah mal-fossa tal-parti tiegħu tal-fond, li qegħdha fit-trieq. Il-konvenut għamel kif qallu l-ispettur, qiegħed il-vaska t'isfel fuq il-bejt, saqqaf gabinett, u kkommunikaha għall-fossa tiegħu. B'kollox nefaq £40;

B'digriet tal-31 ta' Marzu 1960 din il-Qorti nnominat lill-A.I.Ċ. Paul Mercieca biex ifittex u jirrelata jekk il-water closet jistgħax jiġi f'post ieħor aktar konvenjenti għall-attur u skond ir-regoli sanitarji;

B'relazzjoni tat-8 ta' April 1960 il-perit irrapporta illi, peress li ż-Żurrieq għad ma hemmx drenaġġ publiku, biex il-water closet ma jibqgħax fuq il-bejt, trid issir fossa barra fit-trieq. Jista' però jkun hemm xi diffikultajiet minħabba "cable" tal-Militar li għaddej min-naħa tal-bini; u jekk dan jista' jsir, trid tinqala' parti mill-madum li hemm fil-post ħalli ssir it-trinka, u jkun diffiċli biex il-madum jinqala' sħieħ u jerġa' jitqiegħed, barra milli jkun diffiċli li jitqabbel madum ġdid ma' dak li hemm fil-post, u hekk il-madum ikollu jsir mill-ġdid kollu. L-ispiża tilħaq mal-£130;

Il-perit issottometta wkoll illi l-water closet jista' jitqiegħed fir-rokna tal-bitħa u jiġi kommunikat mad-drenaġġ tal-konvenut billi jgħaddu l-katusi mill-bitħa tiegħu. Il-madum li jkun irid jinqala' jista' jiġi mibdul bil-madum li jiġi salvat mill-qlugħ tal-bitħa tal-attur, jew il-konvenut ikun jista' jibdel il-madum tal-bitħa tiegħu u jużah biex jinbidlu dawk li jinkisru fil-bitħa tal-attur. F'dan il-każ,

l-ispiża tilħaq mas-£60. Il-perit irrileva wkoll illi, peress li dan ix-xogħol irid isir taħt l-art, u mhux possibbli tkun taf eżattament x'jista' jinsab meta jsir it-tħaffir biex isiru trinek għall-pedamenti u għall-katusi, jista' jkun hemm xi spejjeż oħra li wieħed ma jistgħax ikun jaf bihom issa. Il-perit spjega wkoll (fol. 31 tergo) illi fejn hu l-water closet il-lum l-attur ikollu jaqsam il-bejt biex imur fih; imma anki kieku ke'lu jiġi adottat il-metodu msemmi fit-tieni lok mill-perit l-attur, ikollu jaqsam il-bitħa, li hi mikxufa;

Ikkunsidrat;

L-attur ippremetta fiċ-ċitazzjoni illi b'dak li għamel il-konvenut naqqas il-kumditajiet mikrija lilu, u talab (1) li l-konvenut jiġi kundannat iqiegħed il-vaska f'postha u jagħmel kollox kif kien qabel, u alternattivament (2) ipoġġi l-istess vaska f'post ieħor konvenjenti għall-attur kif tiffissa l-Qorti;

Dwar l-ewwel talba il-water closet ma jistgħax jerġa jitqiegħed fejn kien qabel, għax dan ikun kontra s-saħħa, kif xehed l-ispettur sanitarju Anthony Sciberras (fol. 53);

Fuq it-talba l-oħra, skond ix-xhieda tal-ispettur sanitarju (fol. 53 tergo), il-water closet seta' jsir biss fuq il-bejt, minħabba li hemm il-bjar u l-pendil. Huwa anki xehed, għalkemm l-attur dan jinnegah, illi hu qal lill-attur, fil-preżenza tas-Senior Health Officer Lucchese, li l-water closet irid isir fuq il-bejt;

L-attur sostna illi bil-vaska fuq il-bejt il-konvenut naqqaslu l-kumditajiet tal-fond, u qal illi hu, martu u bintu, jorqdu fit-tieni pjan tal-fond, fejn qabel kien hemm vaska oħra, u t-tifel jorqod isfel, fejn qabel kien hemm il-vaska tal-bitħa u illi hemm mal-għoxrin tarġa mit-tieni pjan għall-bejt;

Skond verbal a fol. 46, il-konvenut iddikjara li hu lest biex jirripara mix-xita u mir-rieħ il-passaġġ mid-dar tal-attur għal fejn hemm il-water closet il-lum fuq il-bejt, b'mod li l-passaġġ ikun protett sew mill-ġnub kemm mis-

saqaf, u li anki huwa jagħmel taljo'a għall-użu minn fuq għal isfel fil-fond tal-attur;

Skond l-inċis(g) tal-art. 85 tal-Kap. 13 tal-Liġijiet, kull dar għandu jkollha water closet, jekk fil-fehma tas-Suprintendent tas-Saħħa Publika dan jista' jsir; u l-water closet, kif ukoll il-kommunikazzjoni, għandhom ikunu magħmula kif, b'dak il-materjal, u f'dik in-naħa tad-dar, u b'dawk is-sifuni jew ħaġ'oħra, illi bihom is-Suprintendent tas-Saħħa Publiku jidhirlu li ma jkunux jistgħu joħorġu rwejjaħ jew tnixxija; u bl-art. 93(1) tal-istess Kap. (emenda Att numru II tal-1957) is-sid ma jistgħax iħalli lil min juża għall-abitazzjoni fond li ma jkollux water closet regolari;

Fil-kawża "Vincenzo Abela vs. Assunta Farrugia" (App. Ċiv. Inf. 8 ta' Ġunju 1957), fejn il-konvenuta kienet riedet li l-water closet, ordnat f'post mill-Awtorità Sanitarja, jitqiegħed f'post ieħor aktar kommodu għaliha, il-Qorti żammet illi x-xogħol ordnat mill-Awtorità Sanitarja hu kunsidrat bħala xogħol neċessitat minn forza maġġuri. il'i sid il-post għandu jkollu d-dritt li jagħżel huwa l-post, darba li l-ispiża ser jagħmilha hu, fejn jitqiegħed water closet bosta però li l-għażla ma tkunx saret b'vessatorjetà manifesta u f'post manifestament diżadatt, u illi anki kieku għall-grazzja tal-argument, wieħed kellu jgħid li x-xogħol seta' jsir x'imkien ieħor b'anqas skommodu, dar ma jista' qatt jagħti l-jedd lill-konvenuta li topponi ruħha, imma biss li titlob, se maj, indenniz in sede proprija";

F'dan il-każ, għalkemm il-konvenut kien kera lill-attur il-fond mhux provvist bil-mezzi sanitarji skond il-liġi, l-attur stess krieh mingħajr dawn il-mezzi sanitarji; u jekk qabel kellu l-kumdità ta' żewġ vaski, il-lum għandu l-kumdità, aktar benefika għalkemm mhux dejjem apprezzata, ta' perikolu anqas għas-saħħa sew tiegħu sew ta' ħadd ieħor. Fuq il-bażi tal-prinċipju tas-sentenza riferita u fid-dawl tal-liġi ċitata, l-attur ma jistgħax jippretendi il'i l-water closet in kwistjoni ma jibqgħax fejn ordnatu l-Awtorità Sanitarja. Meta l-konvenut kera l-fond bil-water closet kontra l-liġi, huwa qiesu krieh mingħajr water closet; u darba li l-Awtorità Sanitarja għażlet il-post fuq

imsemmi, u s-sid, il-konvenut, sab li ekonomikament dak il-post kien adatt biex ifornixxi l-fond b'water closet regolari, ma jistgħax l-attur jippretendi illi l-konvenut kellu jagħmel spiża akbar ta' almenu £130, jew ta' £60, bir-riskju ta' spiża aktar għolja minħabba fl-inċertezzi tax-xogħolijiet, kif irrelata l-perit tekniku. Aktar u aktar il-pretensjoni tal-attur mhix ġusta meta l-konvenut hu lest biex jirrendi aktar kommodu għall-attur l-użu tal-water colset bil-mod fuq indikat, salv, se maj, id-dritt tal-attur li jitlob indennizz f'sedi proprija;

It-tieni talba tal-attur hija li l-konvenut ipoġġi l-vaska f'post ieħor konvenjenti għall-attur kif tiffissa l-Qorti. Fil-fehma ta' dil-Qorti, din it-talba tikkomprendi talba li l-water closet, anki fejn hu l-lum, jiġi magħmul aktar konvenjenti għall-attur. Hekk il-post fejn ġie mqiegħed il-water closet, mingħajr ripar għall-passaġġ fuq il-bejt, jista' jsir post bil-passaġġ magħluq u kopert, molto pjù illi l-konvenut hu lest biex jagħmel dan a spejjeż tiegħu, u anki huwa lest biex jirrendi aktar kommodu l-użu tal-water closet permezz ta' taljola;

Rat in-nota tal-attur, li biha appella minn dik is-sentenza, u l-petizzjoni tiegħu li biha talab li tiġi revokata, billi jiġi deċiż għat-tenur tad-domandi kif magħmula fiċ-ċitazzjoni; bl-ispejjeż kontra l-konvenut appellat;

*Omissis;*

Ikkunsidrat;

Fil-petizzjoni tiegħu l-appellant jinsisti illi l-azzjoni eżerċitata minnu hi azzjoni possessorja, ċjoè ta' reintegrazzjoni fil-pussess tal-vaska tad-W.C. fejn kienet qabel, u li l-Ewwel Onorabbli Qorti messha għalhekk, tilqa' t-talba tiegħu u tordna r-reintegrazzjoni bla ebda konsiderazzjoni oħra;

Dwar dan, biżżejjed li jiġi osservat dan li ġej. Hu ċert illi l-azzjoni eżerċitata mhix dik privileġġjata ta' spoll reċenti kontemplata fl-art. 572 tal-Kodiċi Ċivili. Anki kieku kellu jiġi suppost li hemm ir-rekwiżiti l-oħra ta' din l-

azzjoni, ma hemm assolutament ebda prova, anqas allegazzjoni, fil-proċess, illi jirrikorri r-rekwiżit taż-żmien;

L-azzjoni eżerċitata lanqas tista' tkun dik ta' manutenzjoni fil-pussess kontemplata fl-art. 571; għas-sempliċi raġuni illi l-attur hu biss kerrej tal-fond, ċjoè sempliċi detentur, mentri dik l-azzjoni tikkompeti biss lil min hu possessur fis-sens veru tal-art. 561(1) tal-imsemmi Kodiċi (Vol. XXVII-I-622);

Apparti dan kollu, però, l-attur innifsu, għad li flewwel lok talab li l-konvenut jiġi kundannat jerġa jqiegħed il-vaska f'postha u jagħmel kollox kif kien qabel, żied jitlob, alternattivament, il-kundanna tal-konvenut li jpoġġi l-vaska f'post ieħor konvenjenti għall-attur kif tiffissa l-Qorti. Dan vwoldiri illi, għalkemm ir-reintegrazzjoni kienet l-ewwel preferenza tal-attur, hu, però, kien kuntent iħalli fid-diskrezzjoni tal-Qorti, skond ir-riżultanzi, li tipprovdi rimedju alternattiv;

Għalhekk l-attur ma jistgħax ġustament jippretendi li l-Ewwel Onorabbli Qorti kienet legalment senz'altru stretta li tordna r-ripristinament tal-affarijiet bla ebda konsiderazzjoni oħra;

Iżda din il-kwistjoni legali hi purament akkademika, in vista ta' dak li sejjer jingħad;

L-Ewwel Onorabbli Qorti ma laqgħetx l-ewwel talba (ċjoè t-talba kif magħmula fl-ewwel lok) għaliex irriteniet illi l-water closet ma jistgħax jerġa jitqiegħed fejn kien qabel, għax dan ikun kontra s-saħħa, kif xehed l-ispettur sanitarju Anthony Sciberras. Hawnhekk però, jidher li hemm xi ftit tal-ekwivoku. Dak li mill-provi jidher li kien kontra l-liġi u l-iġjene ma kienx il-water closet fejn kien qabel, ċjoè l-vaska tad-W.C. proprija, iżda l-kommunikazzjoni tiegħu mal-fossa fil-ġnien jew bitħa tal-attur. Dan jidher ċar mid-depożizzjoni tal-ispettur sanitarju Sciberras fol. 15, fejn jispjega illi d-difett jew irregolarità kienet fil-fossa fejn kienet. L-ispostament tad-W.C. għal fuq il-bejt tal-konvenut sar sempliċement għaliex dak l-ispettur sanitarju deherlu illi kien b'dak il-mod li setgħet isir kom-

munikazzjoni regolari mal-fossa li hemm barra t-trieq għad-W.C. tal-istess konvenut. Id-diffikultà li l-ispettur sanitarju sab li d-W.C. tal-attur jibqa' fejn kien ma kienetx għaliex f'dak il-post kien illegali jew anti-iġjeniku, iżda kienet illi hu deherlu illi, biex issir komunikazzjoni separata għalieh f'dak il-post kien jeħtieġ illi ssir fossa barra t-trieq, u dan kien jimporta spiża konsiderevoli, oltre li aktarx kien ikun hemm diffikultà minħabba xi "cable" tal-Militar li kien hemm fit-trieq;

Din l-istess ħaġa tidher ukoll ċara mir-relazzjoni tal-perit ġudizzjarju (fol. 27);

Biex tikkjarixxi sewwa l-pożizzjoni, din il-Qorti reġgħet semgħet lil dak il-perit, u issa hi soddisfatta li ma hemmx verament ebda rimedju ieħor ħlief illi ssir dik il-kommunikazzjoni għal barra;

Infatti, is-soluzzjoni adottata mill-Ewwel Onorabbli Qorti ma tidherx aċċettabbli. Apparti milli dik is-soluzzjoni timporta illi d-W.C. anqas ikun fil-parti tal-fond mikrija lill-attur, iżda jkun fil-parti tal-fond okkupata mill-konvenut, f'post diżadatt u skonvenjenti ferm għall-attur, issa deher illi x-xogħol kif ordnat fis-sentenza appellata anqas ma jista' jsir. Il-perit Mercieca xehed hekk:— "Nerġa ngħid illi x-xogħol kif ordnat fis-sentenza appellata, fl-opinjoni tiegħi, l-ewwelnett mhux ħaġa li jmissha ssir, minħabba nkonvenjent evidenti; u t-tieni, teknikament . . . il-passaġġ mgħotti fuq il-bejt diffiċli jista' jsir; oltre dan, il-lum nixtieq ukoll ninforma l-Qorti li tkellimt mal-Awtoritajiet Sanitarji, u dawn qaluli illi permess biex isir ix-xogħol kif hemm fis-sentenza appellata, u kif propost mill-appellat, fis-sens illi jitneħħew is-soqfa taż-żewġ W.C.'s u l-materjal jitla' bit-taljola, ma jagħtux" (fol. 85-86);

Kif diġa' ntqal, l-oġġezzjonijiet li d-W.C. tal-attur jibqa' fejn kien u ssir kommunikazzjoni għal fossa separata għalieh fit-trieq kienu tnejn; waħda il-"cable" tal-Militar fit-trieq, u l-oħra l-ispiża li tkun neċessarja. Dwar l-ewwel diffikultà il-Perit Mercieca qal lill-Qorti illi issa hu ġie nfurmat, l-ewwel bil-fomm u mbagħad konfermat bil-miktub illi l-Awtoritajiet Militari jagħtu permess biex il-

fossa ssir barra t-trieq, purkè, s'intendi, li jekk issir xi ħsara lill-"cable" tiġi riparata minn min ikun ottjena l-permess (fol. 85);

Kwantu għat-tieni oġġezzjoni, il-perit fir-relazzjoni tiegħu (fol. 27) kien ikkalkola illi l-ispiża biex issir il-kommunikazzjoni għal barra tkun tilħaq madwar £130. Parti konsiderevoli minn din l-ispiża tkun dovuta għall-fatt illi tkun trid tinqala' parti mill-madum biex tgħaddi t-trinka tad-drenaġġ, u dan il-madum diffiċli jinqala' sħieħ u jerġa jitqiegħed; barra minn hekk, ikun diffiċli, jekk mhux impossibli, li ssib madum biex tqabblu ma' dak li jitqa', u għalhekk il-madum kollu jkollu jsir ġdid. Issa, l-appe'lant, permezz tal-avukat tiegħu nforma l-Qorti ripetutament waqt it-trattazzjoni tal-appell, illi hu ma jinsistix illi l-madum ikun xorta waħda; u l-perit xehed (fol. 80 tergo) illi, jekk il-madun jinqala' biss biex issir il-kommunikazzjoni u jerġa jintuża. billi jiġu sostitwiti biss xi madumiet li jinkisru, l-ispiża ta' xi £130 fuq imsemmija tiġi tonqos b'xi £30-£40 (ara wkoll fol. 86);

B'hekk, l-ispiża ta' xi £90 li jkollu jonfoq l-attur ma tkunx wisq superjuri (jekk tkun) għal dik li kien ikollu jonfoq kieku kellu jsir ix-xogħol kif ordnat mill-Ewwel Onorabbli Qorti. Infatti, biex isir il-passaġġ mgħotti fuq il-bejt (kieku stess dan seta' jsir) teħtieġ spiża ta' xi £60, biex ix-xogħol isir bil-ġebel (fol. 34). Ma' din l-ispiża trid naturalment tiżdied dik li tkun meħtieġa biex jitneħħew is-soqfa taż-żewġ W.C.'s li kien hemm qabel u jsir li speċi ta' "shaft" għat-taljola. Dan vwoldiri illi, jekk hemm differenza fl-ispiża, din ma tistgħax tkun ħlief żgħira;

Soluzzjonijiet oħra ma' jidherx li hemm. Infatti, ir-rimedju alternattiv li kien ippropona l-istess perit ġudizzjarju fir-relazzjoni tiegħu, u li kien forsi jkun l-aktar wieħed ekonomiku, issa jirriżulta li ma jistgħax isir, għaliex wara li l-perit għamel investigazzjonijiet oħra mal-Awtoritajiet Sanitarji, hu sab illi permess għal xogħol bħal dak ma jingħatax (fol. 85);

Għal dawn il-motivi, din il-Qorti tiddeċidi billi tilqa' l-appell, tirrevoka s-sentenza appellata, u tilqa' t-talba tal-

attur fis-sens illi tordna lill-konvenut illi, fi żmien xahrejn mil-lum jerġa jqiegħed il-vaska tad-W.C. tal-attur fejn kienet qabel u jagħmel fossa fit-trieq b'kommunikazzjoni tad-drenaġġ għaliha, bil-qlugħ u s-sostituzzjoni tal-madum kif aċċettat mill-attur, u dan għas-spejjeż tal-konvenut u taħt id-direzzjoni tal-Perit u Arkitett Ċivili Paul Mercieca; u fin-nuqqas, tawtorizza lill-attur jagħmlu hu x-xogħol indikat taħt id-direzzjoni tal-istess perit u a spejjeż tal-konvenut;

L-ispejjeż, minħabba fiċ-ċirkustanzi tal-każ, speċjalment minħabba li l-konvenut mexa fuq id-direttivi li kien taħ l-ispettur sanitarju, u l-fatt illi ċerti diffikultajiet ġew kjariti biss fl-appell, jibqgħu bla taxxa, ħlief id-dritt tar-Reġistru għaż-żewġ istanzi, li jħallsu l-konvenut.